MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 506/2005

**Gutenberg Press Limited**

**Vs**

**Printwell Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Frar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1482.96 (elf erba` mija tnejn u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' stampar ta' xogholijiet li saru ghas-socjeta` konvenuta .

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici qed titlob minghand is-socjeta` konvenuta is-somma ta' elf erba` mija tnejn u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1482.96) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' stampar ta' xogholijiet varji li saru ghas-socjeta` konvenuta.

Nonostante illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata bosta drabi verbalment u anke bil-miktub (Dok B) hija baqghet inadempjenti.

Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll l-imghax mill-10 ta' Settembru 2004, cioe` id-data ta' l-ahhar pagament effetwat mis-socjeta` konvenuta sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' 8% skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra l-ammissjoni seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------